TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/11/25/S

Victor Pisani

Vs

Eman Neil Galdes

Illum 16 t'April,2025.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Victor Pisani ippreżentata fl-14 ta' Jannar, 2025, filwaqt li l-intimat Eman Neil Galdes għalkemm debitament notifikat baqa' la ppreżenta risposta u lanqas deher quddiem dan it-Tribunal.

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2025.

Ikkunsidra,

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda xogħol li kellu jagħmel l-intimat u li ma eżegwiex dak kollu li ġie imħallas għalih.

Illi jinagħad mill-ewwel li l-intimat Eman Neil Galdes naqas milli jwiegħġeb għat-talba tar-rikorrenti u lanqas deher għas-seduta li saret.

Illi it-Tribunal għalhekk għandu quddiemu verżjoni waħda u cioe' dik tar-rikorrenti li ma ġietx kontradetta bl-ebda mod mil-intimat.

Illi kif kellu tiġa l-okkażjoni jgħid dan it-Tribunal f'deċiżjonijiet preċedenti, in-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma jfissirx li dan it-Tribunal m'għandux jixtarr dak mitlub u kemm hu dan ġustifikat fiċ-ċirkostanzi.

Illi r-rikorrenti Victor Pisani spjega fid-dettal ir-raġuni għat-talba mitluba u ppreżenta wkoll dokumentazzjoni li ġew immmarkati bħala DOK MP1 u DOK MP2 li jirrigwardaw l-ispejjeż magħmula.

Illi min-naħa l-oħra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba tar-rikorrenti u lanqas biex jagħti l-verżjoni tiegħu.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' it-talba tar-rikorrenti Victor Pisani u Jordna lil Eman Neil Galdes iħallas lura lil Victor Pisani s-somma ta' €400 bl-interessi mill-14 ta' Ottubru 2024, data tal-interpellazzjoni u li kopja tagħha qegħeda annessa bħala DOK MP3, bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri jitħallsu unikament mil-intimat Eman Neil Galdes.

Richard Sladden Av.
Arbitru